MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2010

Numru. 653/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**John Mifsud**

**Kumpilazzjoni Nru: 633/2010**

**Illum 18 ta’ Ottubru 2010**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Mifsud, ta’ 52 sena, bin Valent u Pawla xebba Farrugia, imwieled Mqabba fl-14 ta’ Lulju, 1959 u residenti gewwa 1,

Farmhouse, Triq Siggiewi, Mqabba u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 495059(M).

1 Talli fis-7 ta’ Novembru, 2009 u fil-jiem ta’ qabel din id-data f’ dawn il-Gzejjer seraq senter tal-marka Luigi Franchi b’ numru ta’ serje mhassar li jiswa aktar minn mitejn tlieta u tletin ewro (€233) pero’ inqas minn elfejn u hames mitt Euro (€2,500) ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

2 Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, jew xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex imexxihom.

3 Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’ idu jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

4 Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta’ arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Luigi Franch b’ numru tas-serje mhassar jew munizzjon, xort’ ohra milli b’ licenzja u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu that idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun taf dak l-avviz.

Rat l-artikoli 261(c), 267 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 18 ta’ Ottubru 2010 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba tieghu hlif ghall-ewwel wahda u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta t-tieni, t-tielet u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi jirrizulta li l-ewwel zewg imputazzjonijiet (dawk ta' serq u ricettazzjoni) huma alternattivi ghal xulxin. Ladarba t-tieni imputazzjoni ta' ricettazzjoni giet ammessa l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni u cioe dik ta' serq.
Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ghar-ragunijiet fuq premessi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tat-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputata u taghhom tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijet ta' Malta l-Qorti qed tordna il-konfiska ta'l-arma esebita formalment favur il-Gvern ta' Malta u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 57 ta'l-istess Kapitolu 480 qed tiskwalifika lill-imputat minn kwalunkwe licenzja rikjesta ai termini tal-Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames (5) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------